# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 1 ta’ Gunju 2001**

**Numru 1**

**Rikors Kostituzzjonali numru: 725/99 DS**

**Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Din is-sentenza preliminari giet ipprovokata b'talba maghmulha mill-appellanti fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2001 fejn wara li ta l-eccezzjoni ta' rikuza ta' l-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo (wiehed mill-Imhallfin f'din il-Qorti kolleggjali) a tenur ta' l-Artikolu 734 (1) sub-inciz (d) (i) u (ii) u (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana ghar-ragunijiet hemm moghtija vverbalizza s-segwenti:

*"L-appellant jaghmel riferenza ghar-rikors kostituzzjonali Numru 736/2000 fl-ismijiet "Onor. Imhallef Dr. Anton Depasuqale vs Avukat Generali", pendenti quddiem dina l-Onor. Qorti diversament komposta, illi permezz tieghu l-appellant qieghed jimpunja l-validita' tal-procedura ghas-smiegh ta' eccezzjoni ta' rikuza f'qorti kolleggjali, liema procedura hija preskritta fl-Art. 738 (2) tal-Kap. 12.*

*L-appellant ghalhekk jitlob illi dina l-Onor. Qorti joghgobha tissoprassjedi pendenti l-ezitu finali ta' l-imsemmi rikors Nru. 7636/2000."*

F'din is-seduta l-Avukat Generali ma kienx prezenti (ghar-ragunijiet gustifikabbli spjegati minnu fin-nota tieghu tal-14 ta' April 2001) u ghalhekk dan il-punt gie ddibattut u ttrattat fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2001 u differit ghall-provvediment li sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi fit-trattazzjoni estensiva li saret iz-zewg partijiet, fil-fehma ta' din il-Qorti, marru oltre dak li kien rikjest f'dan l-istadju. Minkejja illi l-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni ta' l-Avukat

Generali li jsiru talbiet simili minghajr ma qabel jigi ezaminat jekk l-eccezzjoni ta' rikuza hijiex almenu *prima facie* gustifikata, taqbel illi fil-kaz odjern partikolari t-talba ta' l-appellant biex din il-Qorti tissopprassjedi ghandha tigi ezaminata u deciza qabel anke ezami *prima facie* tal-kwistjoni l-ohra sollevata mill-appellant.

Stabbilit dan il-punt, pero', din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tirribadixxi punt ta' natura fundamentali ghas-sistema legali ta' pajjizna. L-obbligu tal-Qrati taghna f'din is-sistema huwa (dejjem fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni) li tapplika l-ligijiet promulgati mill-organu legislattiv ta' l-istat, anke fejn din il-Qorti jidhrilha illi xi ligi partikolari setghet, li kieku, tirregola b'mod ahjar u aktar espedjenti dik is-sustanza jew dik il-procedura li ghaliha giet promulgata. Fl-interpretazzjoni tal-ligijiet ta' pajjizna kif fuq imfisser din il-Qorti hija mghejjuna b'decizjonijiet precedenti taghha, ghax minkejja illi fis-sistema taghna ma jezistix il-kuncett ta' *binding precedent* huwa ovvju li pronunzjamenti precedenti ta' din il-Qorti fejn il-materja partikolari tkun giet approfondita, ma ghandhomx jigu rovexxati leggerment u minghajr raguni tant serja li jwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzzjoni li tali interpretazzjoni hija wahda jew ingusta mal-mghodija taz-

zminijiet jew wahda li nterpretat ligi partikolari b'mod inkorrett. Dawn ir-regoli ta' interpretazzjoni japplikaw ukoll ghal din il-Qorti minkejja illi hija (bhal Prim'Awla tal-Qorti Civili - Sede Kostituzzjonali, li ghandha gurisdizzjoni originali) f'dawn il-materji u cioe' ta' allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem taht l-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni awtorizzata li "*taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-dispozizjonijiet ta' l-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna*" (Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni).

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja li f'kuntesti legali mhux ghal kollox identici ghal kaz odjern din il-Qorti, diversament komposta, gia', f'okkazzjonijiet precedenti, ezaminat talbiet simili fejn f'xi proceduri partikolari quddiem il-Qrati taghna kienet qed tintalab is-soprassessjoni ta' dik il-Qorti u dana sakemm jigu decizi proceduri ohra quddiem Qrati ohra kompetenti.

Din il-Qorti ezaminat diversi mis-sentenzi in kwistjoni li minnhom jemergu zewg principji saljenti: (1) l-obbligu ta' kull

Qorti biex tisma' u tiddeciedi kull kawza fiz-zmien ragonevoli skond ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari - obbligu li jidher partikolarment impost fuq din il-Qorti li hu mahsub illi s-smiegh quddiemha "*ghandu jkun b'kull heffa possibbli*" (sub-artikolu (7) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni); u (2) li bhala tali s-soprassessjoni ma hijiex kontemplata fis-sistema guridika taghna li tikkontempla biss l-eccezzjonijiet tal-*lis alibi pendens* u tal-Konnessjoni tal-Kawzi li pero' huma istituti differenti. Dan nonostante pero' din il-Qorti fis-sentenza taghha "Lawrence Cuschieri vs Onorevoli Prim Ministru nomine et" rrikonoxxiet illi l-principju tas-soprassessjoni giet introdotta fis-sistema guridika taghna bis-sahha tas-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li hekk jipprovdi:

> "J*ekk f'xi proceduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, jew il-Qorti Kostituzzjonali, tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghutha quddiemha skond dan is-sub-*

*artikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.*"

Fl-istess sentenza pero' hlief ghal din l-eccezzjoni kontemplata fl-istess Kostituzzjoni l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti kienet:

*"Huwa car illi din il-minaccja li avvertiet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell "Spiteri vs Sghendo" (para 14 supra) jigifieri li s-soprassessjoni ghandha l-effett li tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja qieghda tavverra ruhha. Di fatti llum, bl-access li nfetah ghal proceduri quddiem l-organi gudizzjarji tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li nholqu bil-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet Umani w il-Libertajiet Fundamentali, li ghandhom is-sede taghhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta' din il-Qorti, inkwantu kollha huma passibbi ta' ulterjuri ezami hemmhekk huma kollha soggetti ghal paralizi specjalment fil-fazi ezekuttiva taghhom jekk din il-Qorti,*

*skond is-sentenza appellata, jkollha tissoprassjedi, fil-kazijiet kollha fejn isir rikors ghal dawn l-organi;*

*Is-soprassessjoni fuq il-linji msemmija fis-sentenza appellata tispicca biex tigi ekwivalenti ghal fonti ta' ingustizzja profonda ghaliex effettivament tissospendi l-implimentazzjoni u l-attwazzjoni tal-gustizzja tal-litigju fi zmien ragonevoli".*

Dan l-istess sentiment gie wkoll espress minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru et" deciza fl-20 ta' Lulju 1994 fejn gie ritenut:

"I*s-soprassessjoni hija, minnha nnifisha, mizura eccezjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kawza b'mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata' fi zmien ragonevoli.*"

L-istat prezenti ghalhekk tal-ligi taghna hija li ebda Qorti ma ghandha tissopprassjedi hlief kif provvdut fis-sub-artikolu (3)

ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fuq ikkwotat ghax l-accettazzjoni ta' dan il-principju jista' biss iwassal ghal kroll totali tas-sistema tal-gustizzja taghna li hija gia' mghobbija b'diversi diffikultajiet li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fihom f'din is-sentenza.

Dawn il-principji mehudin mal-principju l-iehor kardinali tal-ligi li sakemm provvediment ta' l-istess ligi ma jigix dikjarat null ghandu jkompli fl-applikazzjoni shih tieghu anke fejn il-validita' ta' l-istess qed tigi attakkata jwasslu lil din il-Qorti biex tichad it-talba maghmulha mill-appellant u tordna li tigi ttrattata l-eccezzjoni tar-rikuza ta' l-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo, wiehed mill-Imhallfin ta' din il-Qorti kolleggjali.

**Deputat Registratur**

rf.